**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 43**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , nhar it-Tlieta 13 ta’ Frar 2023, fil-5.30p.m.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Assenti b’Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Apoloġiji**

   Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Viċi Sindku Kaeron Bruno talab li jkun skużat.

   Il-Kunsill approva l-apoloġija.

2. **Audited Financial Statements 2023**

   **Is-Sindku John Schembri** stieden lill-Accountant tal-Kunsill Joseph Piscopo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

   Is-Sur Piscopo nfurma li l-Accounts tas-sena 2020 ngħalqu mill-Awdituri tal-Gvern il-ġimgħa li għaddiet. Bħala Audit adjustments kulma kien hemm wieħed biss.

L-Accountant infurma li l-Audit tas-sena 2021għadu miftuħ beraħ.  Is-Sur Piscopo spjega li kien fadal issue waħda pendenti, liema issue ilna nġebbdu biha minn Ġunju. Is-Sur Piscopo nfurma li sar meeting mal-ex-Segretarju Eżekuttiv dwar din il-kwistjoni, għaliex l-issue kienet ġejja minn żmienu.

Is-Sur Piscopo qal li jiddispjaċih li kif jindika r-rapport tal-Awditur, il-ħtija ngħatat lill-Kunsill Lokali meta d-dewmien inħoloq mill-awdituri.

Is-Sur Piscopo ta spjega ddettaljata tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2022.  Qamet diskussjoni bejn il-membri dwar il-Vilhena Funds.  Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa jekk hux possibli li dan il-fund jiġi trasferiet fi Stocks tal-Gvern.  Is-Sindku John Schembri talab li tintbagħat direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

L-Accountant tal-Kunsill talab li ssir re-evaluation tal-propjeta' tal-Kunsill mill-Perit tal-Kunsill.

**Is-Sindku John Schembri** rringrazzja lis-Sur Joseph Piscopo tal-ispjega tiegħu.

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2022.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-Unaudited Financial Statements 2022 b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |